30 ta' Mejju, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D. ;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giorgio Pisani *versus* Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier, LL.D., ne

**Dikjarazzjonijiet Pre-ordinati għal Kawża Oħra — Pensjoni — Interess.**

*Ma humiex ċjetuti domandi diretti għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni li tkun pre-ordinata għal domanda oħra definitiva u finali, għalkemm din tkun għadha ma ġietx dedotta f'ġudizzju.*

*Domandi simili lanqas huma projbiti fid-dritt proċesswali, anki meta d-domanda definitiva u finali ma tkunx tista' tiġi dedotta attwalment, iżda fil-futur.*

*Imma l-Qorti għandha tkun persważa li l-parti għandha l-interess tit-lob dik id-dikjarazzjoni, u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun tista' tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tista' ssir fil-futur —liema interess ma għandux ikun ipotetiku, imma jrid ikun kon-kret, u jrid ikun jissussisti di fronti għall-konvenut li ġie mag-ħżul bħala leġittimu kontradittur.*

*Fil-każ preżenti (fejn id-dikjarazzjoni mitluba kienet fis-sens illi l-attur kellu dritt għal pensjoni "extra" ma' dik li kienet ġiet lilu akkordata mill-Gvern) il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza eskludiet id-domanda ta' l-attur għad-dikjarazzjoni mitluba għaliex irriteniet illi, anki fil-każ li t-talba tiġi milqugħa, l-attur ma kienx ikollu mezzi biex jinforza u jeżegwixxi l-ġudikat. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat dik id-deċiżjoni għax ma qablitx ma' l-Ewwel Qorti dwar ir-raġuni li tat lok għall-esklużjoni tad-domanda.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kien impjegat fir-"Royal Public Library" bħala "chief deliverer" u kustodju, u ġie pensjonat bħala "chief deliverer"; u li huwa kien intitolat għar-rimunerazzjoni ta' £10 fis-sena in konsiderazzjoni tal-kwalifika addizzjonali ta' l-impjeg tiegħu bħala kustodju; u li huwa kien dejjem taħt l-impressjoni, għaliex kellu l-assikurazzjoni, li huwa kien sejjer jiġi pensjonat anki bħala kustodju, għaliex l-impjegat ta' qablu ħa l-pensjoni anki bħala tali; u illi meta huwa spiċċa mill-impjeg infurmawh li huwa mhux intitolat għall-pensjoni bħala kustodju, u offrewlu l-"extra remuneration" kalkolata fuq il-bażi ta' £10 fis-sena minn April sa Settembru 1949, li ġiet rifjutata mill-istess, għaliex ladarba ma ġietx mogħtija lilu pensjoni, huwa almenu kien intitolat jieħu l-"extra remuneration" kalkulata fuq il-bażi ta' £10 fis-sena mill-1 ta' Novembru 1926, meta ġie impjegat, sal-10 ta' Marzu 1950, meta spiċċa mix-xogħol; talab illi jiġi dikjarat u deċiż li huwa, bħala kustodju tar-"Royal Public Library", hu intitolat għall-"extra remuneration" ta' £10 fis-sena minn mindu ġiet lilu mogħtija dina l-pensjoni sakemm irtira bil-pensjoni; u dan peress li fil-pensjoni li huwa attwalment qiegħed jipperċepixxi ma ttieħedx in konsiderazzjoni l-imsemmi inkariku. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, li biha jgħidu illi t-talba ta' l-attur hi bla fundament, għaliex l-impjeg uffiċjali ta' l-attur kien, għall-ewwel, dak ta' "deliverer of books", u mbagħad, mill-1 ta' April 1928 sad-19 ta' Settembru 1949, dak ta' "chief deliverer of books", u inċidentalment kien jagħmilha ta' "caretaker" tal-Bibljoteka, u ta' dak kellu l-"free quarters" fil-Bibljoteka; u barra minn dan, l-għoti ta' xi "extra allowance" f'każijiet simili jingħata dejjem "ex gratia", għaliex inkombenzi addizzjonali barra mill-iskop tad-doveri normali, u ma jista' qatt jikkostitwixxi jew jimplika obligu ġuridiku għall-Gvern. Bla ħsara ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-29 ta' Frar 1952, li biha ġie dikjarat illi d-domanda ta' l-attur, kif magħmula u formulata, hija insostenibili, u għalhekk ġiet respinta, bl-ispejjeż kontra l-istess attur; salv dejjem lil dana illi jeżerċita kwalunkwe dritt ieħor, jekk u skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-attur mhux qiegħed jitlob kundanna, imma qiegħed jitlob biss li jiġi dikjarat li hu, bħala kustodju tar-Royal Public Library, huwa intitolat għall-"extra remuneration" ta' £10 fis-sena għall-perijodu msemmi minnu f'dak l-att;

Illi ċ-ċitazzjoni tista' ssir biex tingħata sempliċi dikjarazzjoni, u ma hemmx bżonn bilfors li tintalab dejjem kundanna (Kollez. Vol. V, 203; XVII—I—118). Imma min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt. "L'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno o l'altro di questi requisiti, l'azione è infondata e inammissibile" (Coen, Azione Civile in genere, Vol. I, para. 1, no. 2). B'mod li "non può esservi azione ove manchi un diritto violato" (App. Firenze 30. 7. 1904 Demajo vs. Orgolesi). Barra minn dan, hemm bżonn ukoll li t-talba għad-dikjarazzjoni li timporta l-eżistenza tad-dritt vantat minn min jitolbu tkun tista', jekk tiġi milqugħa, tiġi eżegwita; b'mod li, f'każ li t-talba għal din id-dikjarazzjoni tiġi milqugħa, imma ma jkunx hemm mezzi sabiex jiġi eżegwit il-ġudikat, l-istess talba tkun illegali; "è il-

legale la domanda di semplice dichiarazione, che, se pure accolta, non darebbe mezzi di poter eseguire il giudicato" (Kollez. Vol. X, 828) ;

Illi ġie ritenut illi "quando con una domanda l'attore non esperisce veruna azione diretta alla condanna del convenuto, a ripeter ciò che pretenda essergli dovuto, nè egli si riferisce ad una obbligazione, egli tenta di creare un'azione; in tal caso questa manca del principale ed essenziale elemento che la costituisce, e da cui potrebbe procedere la domanda esercitata come conseguenza naturale della base giuridica applicata al fatto. Difatti è principio di diritto 'nulla est actio nisi in petitione alicuius rei, eiusque rei persecutione, uti nec ullum judicium, nisi in quo petatur aliquid'. Ad una tale domanda neppure è possibile attribuire il carattere di un giudizio preventivo, ossia d' una azione 'ad futuram', la quale poi, come eccezionale, è soltanto ammissibile quando poggia su di un grave interesse — certo ed attuale — nello scopo di prevenire che il tempo possa far disparire o menomare certi mezzi di difesa" (Kollez. Vol. X, 446). Kif ukoll:— "Per oggetto di una domanda s'intende ciò che è attualmente domandato, e non le conseguenze per le quali, in caso di contrasto, si deve fare un'altra domanda. I giudizi preventivi non sono ammessi, meno in certi casi dalla legge permessi" (Kollez. Vol. X, 966) ;

Illi jidher ċar li l-attur ma jkollux mezzi biex jinforza u jeżegwixxi l-ġudikat, anki f'każ illi d-dikjarazzjoni minnu mitluba tiġi milqugħa. Għalhekk, fuq l-iskorta ta' dak li ngħad iżjed 'il fuq, it-talba, kif maghmula, hija illegali;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fein talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat u deċiż li bħala kustodju tar-Royal Public Library huwa 'ntitolat għal-"extra remuneration" ta' £10 fis-sena minn mindu ġiet lilu mogħtija dik il-mansjoni sakemm irtira bil-pensjoni, u dana peress li fil-pensjoni li attwalment qiegħed

jippercepixxi ma giex mehud in konsiderazzjoni l-imsemmi inkariku. Din id-dikjarazzjoni hija preordinata ghal talba ohra kontra l-istess konvenuti nomine ghall-hlas ta' dik l-"extra remuneration" ghaż-żmien kollu li huwa aġixxa bhala kustodju. L-Ewwel Qorti, billi rriteniet li, anki f'każ ta' deċiżjoni adeżivament ghal dik id-dikjarazzjoni, l-attur ma jkollux mezzi biex jeżegwiha, iddikjarat illi d-domanda ta' l-attur, kif maghmula u formulata, hija insostenibili, u ghalhekk irrespingietha bl-ispejjeż kontra l-istess attur, b'riżerva favur tieghu li jeżerċita kwalunkwe dritt iehor, jekk u skond il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju 1900 in re "Ellul vs. Cauchi" (Kollez. Vol. XVIII, parte I, paġ. 118), "non sono vietate domande dirette ad ottenere semplici dichiarazioni o provvedimenti preordinati ad una domanda definitiva e finale, quantunque questa non fosse ancora dedotta in giudizio". Domandi simili lanqas ma huma projbiti fid-dritt proċesswali, anki meta d-domanda definitiva u finali ma tkunx tista' liġi dedotta attwalment, iżda fil-futur (ara Appell 4 ta' Diċembru 1944 in re "Xuereb vs. Onor. Petrococchino ne.", Kollez. Vol. XXXII, parte I, paġ. 540). Din l-ahhar sentenza, fuq l-iskorta ta' deċiżjonijiet ohra hemm ċitati, kompliet tghid li l-Qorti ghandha tkun persważa li hemm dak l-interess, u li d-dikjarazzjoni mitluba tkun qieghda tifforma l-bażi ta' kawża ohra li tista' ssir fil-futur. Dak l-interess ma ghandux ikun ipotetiku, imma konkret, u ghandu jissussisti di fronti ghall-konvenut li huwa maghżul bhala leġittimu kontradittur tad-domanda. Fi ftit kliem, l-attur ghandu juri li l-interess tieghu jirrivesti dawk il-kwalitajiet, u fosthom prinċipalment li huwa qieghed jaghmel din il-kawża biex jitfa l-bażi ghal kawża ohra futura; ghandu però juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi dan l-interess tieghu huwa konkret u jissussisti di fronti ghall-konvenuti nomine;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma dahletx biex teżamina s-sussistenza u l-kwalità ta' l-interess imqieghed a bażi tad-dikjarazzjoni mitluba bl-att taċ-ċitazzjoni, iżda dehrilha li t-talba ġiet formulata hażin, u ghalhekk ma setghetx

jiġi sostnuta. Fl-istess sentenza saret riżerva espressa lill-attur għall-eżerċizzju ta' kwalunkwe dritt ieħor "si et quatenus", u dan wara li imminotivat li, anki kieku kellu jiġi deċiż adeżivament għad-dikjarazzjoni kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, il-ġudikat ma jkunx jista' jiġi eżegwit u inforzat. Jidher għalhekk li l-Ewwel Qorti ċaħdet t-talba mħabba l-mod kif giet formulata, u mhux imħabba s-sustanza tagħha jew il-fondatezza tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti ma taqbelx ma' dik ta' l-ewwel istanza fuq ir-raġuni li tat lok għall-esklużjoni tad-domanda ta' l-appellant. Infatti, stabbilit li domanda simili tista' ssir bħala preordinata għal domanda oħra definitiva u finali, il-kompitu ta' l-Ewwel Qorti kien li teżamina u tiddeċidi jekk l-interess a bażi tagħha kienx jirrendiha ġustifikata u ammissibili fil-konfront tal-konvenuti nomine. Ma jistax jiġi ritenut li kwantu għall-forma l-azzjoni giet magħmula ħażin, u lanqas jista' jiġi ritenut li jekk l-attur ikollu favur tiegħu d-dikjarazzjoni ġudizzjarja bħal dik minnu mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, ma jkunx jista' jinfurzaha u jeżegwiha;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-appell jistħoqqlu jiġi milqugħ u hemm lok għar-revoka tas-sentenza appellata. Minħabba n-natura tad-domanda dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni, dik id-domanda għandu jkollha l-benefiċċju tad-"doppio esame", u għalhekk sejjer jingħata l-provvediment infraskritt;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-29 ta' Frar 1952, u tordna li l-atti jiġu mibgħutin lil dik il-Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu, skond il-konsiderazzjonijiet fuq migjubin. Tordna li minħabba ċ-ċirkustanzi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jiġux taxxati bejn il-kontendenti, bid-dritt tar-Reġistru kontra l-konvenuti nomine;

U f'dan is-sens irriformat fil-kap ta' l-ispejjeż l-imsemmija sentenza appellata.